FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 01 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija

Spettur Arthur Mercieca
Spettur Sarah Magri

vs

Marvin Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 340286M akkuzat b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda talli:

1. talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Lulju 2014 gewwa Birkirkara ikkommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-valur;
2. matul il-lejl tas-6 ta' Settembru 2014 ghal habta tal-11.00pm gewwa Santa Venera bil-hsieb li jikkommetti serqa minn residenza, wera dan il-hsieb, b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati;
3. matul dawn l-ahhar erbgha xhur gewwa xhur gewwa dawn il-gzejjer assocja ruhu ma persuna jew persuni bil-ghan li jaghmel diversi serqiet aggravati bi vjolenza, lok u valur f'diversi lokalitajiet madwar Malta;
4. rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jigu mibdula;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu  u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli   17,18,31 tal- Kap 9, l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 279, 280 tal-Kap 9, l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(e)(f), 263, 264, 269, 270, 278(1)(3) tal-Kap 9, l-Artikoli 48A, 261(a)(c)(e), 262, 267, 269, 276, 277, 279, 280 tal-Kap 9, l-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9, u l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi:   li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tikkundannah ghal 100 siegha xoghol fil-komunita’.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat